



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 24 ta' Ġunju 2011 (27.06)
(OR. en)**

12091/11

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0159 (NLE)**

**EEE 23
MI 327**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data:	22 ta' Ġunju 2011
Nru dok. Cion:	COM(2011) 365 finali
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li temenda l- Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jaqgħux taħt l-erba' libertajiet

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Pierre de BOISSIEU, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2011) 365 finali



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 22.6.2011
KUMM(2011) 365 finali

2011/0159 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma
speċifiċi li ma jaqgħux taħt l-erba' libertajiet**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà legali meħtieġa u l-omoġeneità tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni rilevanti kollha tal-Komunità fil-Ftehim ŻEE malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni tagħha u għandu jippermetti wkoll li l-parteċipazzjoni tal-Istati ŻEE EFTA fl-azzjonijiet jew il-programmi.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Ftehim Konġunt taż-ŻEE (anness mal-proposta ta' Deċiżjoni tal-Kunsill) huwa mmirat biex jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jaqgħux taħt l-erba' libertajiet sabiex tkompli l-parteċipazzjoni tal-Istati ŻEE EFTA f'azzjonijiet tal-UE ffinanzjati mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-operat u l-iżvilupp tas-Suq Intern.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għal Deċiżjonijiet bħal dawn fuq proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għal addożzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jaqgħux taħt l-erba' libertajiet

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 u 218 (9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim taż-ŻEE") fih dispożizzjonijiet speċifiċi u arranġamenti rigward il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li li ma jaqgħux taħt l-erba' libertajiet.
- (2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim dwar azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-operat u l-iżvilupp tas-suq Intern, għandha titkompla.
- (3) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkompli wara l-31 ta' Diċembru 2010,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu uniku

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda mistennija għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE huwa stipulat fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Magħmul fi

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

Abbozz

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru

ta'

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jaqgħux taħt l-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ...².
- (2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim dwar azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-operat u l-iżvilupp tas-suq Intern, għandha titkompla.
- (3) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkompli wara l-31 ta' Diċembru 2010,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 7 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-kliem "is-snin 2004, 2005, 2006, 2007, 2008, 2009 u 2010" fil-paragrafu 6 għandhom jiġu ssostitwiti bil-kliem "is-snin 2004, 2005, 2006, 2007, 2008, 2009, 2010 u 2011".
2. Il-kliem "is-snin 2006, 2007, 2008, 2009 u 2010" fil-paragrafu 7 għandhom jiġu ssostitwiti bil-kliem "is-snin 2006, 2007, 2008, 2009, 2010 u 2011".
3. Il-kliem "is-snin 2008, 2009 u 2010" fil-paragrafu 8 għandhom jiġu ssostitwiti bil-kliem "is-snin 2008, 2009, 2010 u 2011".

² ĠUL ...

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim*.

Din għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, .

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

*Is-Segretarji
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

* [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati.] [Rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.]